

# Nifirħu Lil...

Dawk kollha li ngħataw l-Onorefiċenzi ta' Ġieħ il-Mellieħa, Rikonoxximent il-Mellieħa u Apprezzament il-Mellieħa. Dawn kienu s-Sur Paul P. Borg, is-Sur John Grima, is-Sinjura Maria Gauci, Għaqda Mellieħa Youths, is-Sur Joseph Vella, u l-Mellieħa Sports Club Football Nursery.

Gradwati kollha li ggradwaw fl-istudji rispettivi tagħhom. Nawgurawlhom is-suċċess kollu li ħadmu għalih matul dawn is-snin ta' studju.

Clyde Borg li kien mgħajjat mat-tim nazzjonali tal-futbol ta' Malta. Huwa fforma parti mit-tim li kiseb draw ta' 1-1 barra minn xtutna kontra l-Bulgarija.

Erica Galea li nħatret bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill tal-Mellieħa. Bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għandha d-dritt tattendi għal-laqgħat tal-Kunsill, kif ukoll tkun involuta fid-diskussjonijiet.

Chantelle Incorvaja li bi proġett li għamlet bħala parti mill-kors tal-kompjuters tal-IKIDS, ġiet fl-ewwel post fost il-parteċipanti fit-Tramuntana ta' Malta.

Lis-sidien tar-ristoranti The Arches, Rebekah's, Essence, Commando, Baia Beach Club, Giuseppi's Wine Bar u lix-*chef* Marvin Gauci li rebħu diversi unuri waqt ir-Restaurant Awards 2015.

Steven Fenech li flimkien ma' Roxanne Buttigieg ġie l-ewwel fil-Latin American Class 2 Championship, fil-Ballroom Class 2 Championships u fix-Showdance Champioships. Dawn il-kompetizzjonijiet kienu jagħmlu parti mill-British Open Wheelchair Dance Championships li kienu organizzati ġewwa Stevenage fl-Ingilterra.

Tlett itfal mill-Mellieħa, Luke Brincat Stellini, Sean Debono u Matthew Deguara, li ġew magħżula mill-Malta Baseball & Softball Association biex jirrappreżentaw lil Malta fil-25 sena anniversarju tal-World Children's Baseball Fair li ttellgħet ġewwa Chiba, il-Ġappun. Dawn jittrejnjaw il-*baseball* mat-tim tal-Mellieħa taħt it-tmexxija tal-kowċ, is-Sur Ray Bartolo.

Micquella Galea li flimkien mal-Ing. Clifford de Raffaele ppreżentat *paper* bl-isem ta' 'Moving Towards Knowledge Creating Schools' u li biha rebħet l-*award* ta' *best paper* waqt l-International Conference on Web & Open Access to Learning li sar taħt l-awspiċju tas-Centre of Excellence for Innovation & Creativity ġewwa Dubai u tal-Unesco Communication & Information Section.

Kantawtur Mellieħi, Mark Anthony Cachia Sammut li rebaħ il-premju tal-aqwa kantawtur fil-festival L-Għanja tal-Poplu bil-kanzunetta 'Waqt li qed nitfi d-dawl'.

Kumitat organizzattiv tal-mixja ta' bejn Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira li għat-tnax-il sena konsekuttiva reġgħu organizzaw din il-mixja b'suċċess. Din il-mixja telqet mill-Mellieħa u waslet l-Isla u l-ġbir imur għall-kawża ta' Puttinu Cares Cancer Support Group. Din is-sena ħadu sehem 'l fuq minn 10,000 ruħ u nġabret is-somma ta' €98,000.

Brian Bartolo li ġie maħtur bħala l-kowċ il-ġdid tat-tim tal-kbar tal-Mellieħa Sports Club.